



EBA/GL/2023/01

09.02.2022

Linji Gwida

għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni dwar il-pubblikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' skambju ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni u rikapitalizzazzjoni interna

1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Obbligi ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 05.06.2023. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2023/01". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Sabiex tissaħħaħ il-prevedibbiltà tal-mekkaniżmu ta' skambju ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni u rikapitalizzazzjoni interna, il-koordinazzjoni effettiva tal-pjanijiet u tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni f'kuntest transfruntier u t-trasparenza u l-protezzjoni tad-depożitanti u tal-investituri, dawn il-linji gwida jispeċifikaw l-informazzjoni li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jipubblikaw dwar il-mod kif se jiġu applikati l-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, f'konformità mal-Artikoli 43 u 44, 46 sa 50 u 59 sa 62 tad-Direttiva 2014/59².

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-Linji gwida japplikaw f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni ddefinit mid-Direttiva 2014/59.

Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (v) tal-Artikolu 4 (2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ("awtoritajiet ta' riżoluzzjoni").

Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2014/59/UE u fil-Linji Gwida tal-EBA dwar it-titjib tar-riżolvibbiltà għall-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva (Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà)³ għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

Mekkaniżmu ta' skambju	Il-passi operattivi meħtieġa sabiex jiġu eżegwiti l-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni tal-istrument kapitali rilevanti jew l-użu tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna.
Strument <i>interim</i>	Strument finanzjarju maħruġ għall-fini li tiġi permessa konverżjoni minn strumenti kapitali u obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna

² Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

³ EBA/GL/2022/01.

f'dak l-istrument, bħala l-ewwel pass fil-proċess ta' rikapitalizzazzjoni interna u maħsub biex jiġi kkonvertit/skambjat wara valutazzjoni definittiva fi strument definittiv, x'aktarx titolu ta' ekwità.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

4. Linji gwida għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni dwar il-pubblikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' skambju ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni u rikapitalizzazzjoni interna

4.1 Pubblikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' skambju

10. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom deskrizzjoni ta' livell għoli tal-approċċ tagħhom għall-eżekuzzjoni tal-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni ta' strumenti kapitali u obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna ("Deskrizzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Skambju") mill-passi preliminari sal-eżekuzzjoni finali tal-mekkaniżmu ta' skambju, inkluż kwalunkwe aġġustament ta' valutazzjoni definittiva *ex post*, fejn applikabbli.

11. Id-Deskrizzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Skambju għandha mill-inqas tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- a. Identifikazzjoni u deskrizzjoni tar-rwol tal-partijiet ikkonċernati li għandhom ikunu involuti fil-proċess tal-Mekkaniżmu ta' Skambju, inklużi depożitorji ċentrali tat-titoli, maniġer speċjali potenzjali⁴, awtoritajiet tas-suq rilevanti u, fejn rilevanti, kwalunkwe

⁴ Jekk maħtur, f'konformità mal-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/59/UE.



konsulent tal-iskambju li għandu jinħatar mill-awtorità ta' riżoluzzjoni biex jappoġġa l-eżekuzzjoni tal-mekkaniżmu ta' skambju. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi, fejn possibbli, id-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

- b. L-approċċ għall-waqfien jew is-sospensjoni tan-negozjar u t-tneħħija mil-lista jew it-tneħħija ta' strumenti miċ-ċentri tan-negozjar.
- c. Deskrizzjoni ċara tal-funzjonament tal-istrument *interim* potenzjali, jekk ikun il-każ.
- d. Deskrizzjoni għall-valwazzjoni negattiva u l-kanċellazzjoni ta' strumenti rilevanti, inklużi soluzzjonijiet possibbli għall-indirizzar ta' strumenti li t-tranżazzjonijiet tagħhom ikunu għadhom ma ġewx saldati (tranżazzjonijiet li għadhom ma ġewx proċessati, "in-flight transactions").
- e. Deskrizzjoni dettaljata, għalkemm indikattiva, tal-proċess ta' konverżjoni, inkluż it-twassil ta' strumenti ġodda fejn rilevanti, li jistgħu jirreferu għal wieħed minn dawn li ġejjin:
 - a. Konverżjoni ta' strumenti jew obligazzjonijiet soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna f'ekwità ġdida ("konverżjoni diretta");
 - b. Il-konverżjoni ta' strumenti jew obligazzjonijiet soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna li jinvolvu strumenti *interim*;
 - c. taħlita tat-tnejn.
- f. Approċċ biex jiġu indirizzati d-differenzi potenzjali bejn il-valutazzjoni definittiva u proviżorja, bħal kumpens f'każ ta' konverżjoni żejda.
- g. Approċċ biex jiġi indirizzat kwalunkwe sehem frazzjonali.
- h. Skeda ta' żmien dettaljata, għalkemm indikattiva, biex jitwettqu l-passi ta' hawn fuq, b'distinzzjoni xierqa bejn:
 - a. il-fażi tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni,
 - b. l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni,
 - c. il-perjodu meta ġie implimentat il-mekkaniżmu ta' skambju; u
 - d. it-tmiem tal-proċedura ta' riżoluzzjoni.
- i. Mudelli indikattivi jew il-karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti legali li għandhom jintużaw biex tiġi implimentata r-rikapitalizzazzjoni interna b'mod formali, fejn disponibbli.



12. Fid-Deskrizzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Skambju, għandu jiġi ddikjarat li l-eżekuzzjoni attwali tal-proċessi ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni tista' tkun differenti minn dik stipulata f'dik id-Deskrizzjoni.
13. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jaġġornaw id-Deskrizzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Skambju, fejn l-approċċ tagħhom jinbidel. Fid-Deskrizzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Skambju, għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar li dan huwa dokument ħaj, suxxettibbli għal aġġornamenti.